ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju 2014 fis-6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* April 2014;
   b) Skeda ta' April 2014;
5. Toroq
6. Awdituri
7. Jum Ħal Għaxaq;
8. Il-Karnival;
9. Amministrazzjoni ta' siti;
10. Ħmieġ u ħaxix fl-għalqa tal-area ta' Triq il-Qattus;
11. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 22 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar il-quddiesa għal ruħ missier il-Kunsillier Schembri, is-Segretarju staqsiet jekk ġiex deċiż meta ser issir il-quddiesa biex tavża l-Kappillan.

b. Dwar l-*Accessibility Award* is-Segretarju qalet li l-applikazzjoni mimlija intbagħatet lid-Dipartiment konċernat.

c. Dwar Jum Ħal Għaxaq is-Segretarju rċeviet kont mingħand Tal-*Kawwar Cash & Carry* ta' €60 għax-xiri taċ-ċikkulata li ngħatat fit-tberik tal-annimali li sar f'Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li dan jitħallas.

d. Il-Kunsill irċieva risposta mingħand l-Għaqda Mużikali ta' San Użepp fejn is-Sur Reno Busuttil qal li hu għamel *invite* għall-Kunsilliera kollha iżda dawn saru xi ftit tard u kellha tinbagħat *e-mail* bħala *invite* u din l-e-mail bi żvista ma intbagħatitx. Għaldaqstant l-Għaqda qed titlob apologija għal dan l-aġir.

e. Dwar il-Karnival, is-Segretarju qalet li hi ma tridx ikollha batti-bekki ma' ħadd, hi qed tagħmel xogħolha u ma tistax ma tikkumentax dwar ċertu aġir ta' membri tal-Kunsill.

   Is-Segretarju kompliet tgħid li hi nfurmat lill-Kunsillier Fenech li ma tistax tħallas affarijiet li suppost ikunu sponsorjati minn kumpanija għall-Kunsill. Il-Kunsill approva l-ħlasijiet tal-premjijiet tal-kompetizzjoni tar-ritratti dak ta' 75 euro u 25 euro rispettivament izda s-Sinjura Rose Agius oggezzjonat l-hlasijiet tat-*trophies* li ngħataw fil-karnival, ġew approvati .

f. Dwar il-kwotazzjoni mingħand RTS fuq spezzjoni tas-*cctv system* li hemm fil-*Playground* fejn it-total tal-ispiża hija ta' € 736. Din ġiet approvata fl-aħħar laqgħa u għaldaqstant dawn ser isiru. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Irċevejna Memo 14 dwar *Mid-Term Audit* li għandu jsir meta jinbidel Segretarju Eżekuttiv.

   Infurmaw ukoll li ser isir sessjoni ta' informazzjoni dwar l-Iskema tal-*Lifelong Learning*, li saret fit-30 ta'April, 2014, ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Mosta, għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv.

   Is-Segretarju qalet li attendiet il-laqgha fejn l-udjenza giet infurmata bil-korsijiet li se jinghataw tal-*Lifelonglearning* u l_kunsill ghandu cans japplika sa' l-ahhar ta' Mejju. Irċevejna wkoll lista tal-korsijiet offruti.

   al
   din ise

   Fir-rigward ta' Memo 25/2013 – *Cultural Activities* infrumaw li jridu jiġu mħarsa il-proċeduri kollha stipulati fil-*commitment letter* u kull materjal għal press irid l-ewwel jgħaddi ghand id-Dipartiment u mbagħad jigi moghddi lil dawk konċernati. Anness tabella bil-lista tal-attivitajiet li ser isiru mill-Kunsilli Lokali kollha.

2. Mill-AKL fejn għarrfu dwar Konferenza dwar l-Inklużjoni u l-Ugwaljanza fir-Reġjun tal-Mediterran li ser isir fit-12 ta' Mejju, 2014, *f'The Palace Hotel*, tas-Sliema. Ser tattendi is-Segretarju.

3. Mir-Reġjun Nofsinhar dwar il-gwardjani infurmaw li l-Kunsill l-ewwel ghandu jħallas il-kumpanija tal-Gwardjani ghas-servizz u wara jgħaddi kollox lir-Reġjun sabiex niġu rifonduti.

4. Mill-Fondazzjoni Valletta 2018, fejn infurmaw li ser jibdew isiru serje ta' laqgħat mal-Kunsilli Lokali.

5. Minghand MCCA fakkruna li jekk ghandna xi attivita Kulturali bejn Lulju u Settembru navzawhom.

6. Mir-*Rural Festivities Unit* dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal Imnarja 2014, fejn stiednu lil kull Kunsill sabiex jipparteċipa għal din l-attivita', risposta trid tingħata sad-9 ta' Mejju, 2014.

7. Mingħand TM, fejn infurmaw li *zebra crossing* fi Triq San Filippu k/m Triq il-Gitsakor mhux rakkomandabbli li ssir hemmhekk ghax mhux *safe* izda irrakomandaw li sir iżjed il-fuq fi Triq San Filippu lejn Misraħ St.Rokku k/m Triq St.Marija. Il-Viċi Sindku qal li jixtieq li tintbagħat ittra lil TM biex inkunu nafu kemm suppost tkun id-distanza ta' *zebra cross* minn kanturiera.

   Infurmaw ukoll li bejn l-10 u l-11 ta' Mejju, 2014, ġewwa Wesgħa Bir id-Deheb ser titella' *canopy* minn *Flowerland* għal okkażjoni ta' Jum l-Omm, fejn indikat l-organiżatur irid iħares il-proċeduri ndikati minn TM.



   TM infurmawna ukoll li minħabba li l-*crash barriers* li l-Kunsill talab huma parti mill-proġett tal-Ġnien, dawn għandhom isiru bħala parti mill-proġett ta' Ġnien il-Kunsill.

   Hawnhekk il-Viċi Sindku qal li dan ,hux minnhu għax il-*barriers* ma jiffurmawx parti mill-proġett iżda dawn għandhom jitwaħħlu mal-bankina li tinsab barra mill-proġett. Il-Kunsill qabel.

   Infurmawna wkoll li wara li saret spezzjoni minn TM irriżulta li fejn qed jingħad mill-Kunsill li r-residenti qed jispiċċaw joħorġu fil-*Bypass* biex joħorġu l-karozza mill-garaxx u għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob li jipparkjaw karozzi żgħar biss fejn il-garaxxijiet, TM qalet li dan mhux minnu ghax hemm biżżejjed wesgħa biex is-sewwieqa li joħorġu mill-garaxxijiet għandhom spazju biżżejjed biex jaraw karozzi ġejjin minn naħa l-oħra.

8. Mid-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja Saħħa tal-Pjanti infurmaw li kull meta tiġi organizzata attivita' li tikkonċerna esebiżjoni ta' annimali ħajjin jew żjarat ġewwa rziezet irid jintalab dejjem permess lil dan id-Dipartiment.

9. Mingħand is-Sur T. Baldacchino fejn informa li hemm ħafna ħaxix ħażin u ħofor fi triq li minn ta' Ħmis tmur lejn il-Gudja u l-Ajruport. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb

10. Mingħand Marcon Cassar tal-KMS, fejn infurmat sabiex it-tqassim taċ-ċertifikati ta' Skola Sport irid isir sat-23 ta' Mejju, 2014. Il-Kunsillier Schembri infurmat lis-Sinj. Cassar li dawn ser jitqassmu fit-22 ta' Mejju, 2014, fejn hemm lista annessa tal-parteċipanti.

11. Mill-Greenpak, fejn qed iħeġġu lill-Kunsilli sabiex jagħmlu *Bye-Law* fejn jintqal ċar minn huma *waste carriers* approvati mill-ġbir tal-iskart fil-lokalita' kkonċernata għax qed ikun hemm min qed jopera mingħajr il-permess.

12. Mingħand is-Sinj. D. Fenech dwar *reserved parking* sabiex dan isir fi Triq San Filippu peress li qed issib vendikazzjonijiet fil-vettura tagħha.

13. Mill-HSBC dwar ir-*Recruitment Campaign* 2014, fejn bi qbil ser isiru sessjonijiet ġewwa Ħal Għaxaq fit-28 u d-29 ta'Mejju, 2014, bejn id-9:00 a.m. u l-11:00 a.m. ( *flyer anness*).

14. *Claim form* sabiex jiġi rifondut il-petrol fuq ħtiġijiet u qadi tal-Kunsill mill-ħaddiema. Il-Kunsill qabel li min jagħmel użu mill-karozza tiegħu għal xogħol tal-Kunsill jingħata 35 *euro cents* għal kull kilometru.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sinjura Schembri oġġezzjonat li s-Sur Dennis Psaila jmur il-bank u qalet li kien diġa' sar ftehim biex dan ma jmurx il-bank issekonda dan il-Kunsillier Fenech

Wara diskussjoni l-Kunsill semma' l-ħinijiet tax-xogħol li setgħu jkunu sal-ħamsa u kwart jew il-ħamsa neqsin kwart, iddeċieda li ż-żewġ persuni li jaħdmu mall-Kunsill għandhom jibdew xogħol mis-7.30am sa 4.30pm u jieħdu siegħa *break*. Qalu wkoll li s-Sibtijiet jaħdmu darba kull wieħed mit-8.00am sal-11.30am. Min ikun se jaħdem is-Sibt jieħu nofs ta' nhar off il-Ġimgħa jew ġurnata meta jixtieq hu. Il-ħin tas-Sajf sar qbil mill-Kunsill li jkun mis-7.30am san-12.30pm.

Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qal li *leave* ma għandux jiġġedded minn din is-sena għal sena oħra, diġa' sar hekk din is-sena u għaldaqstant dan it-tiġdied ma jistax jerġa' jsir. Jekk isir ma jistax ikun ta' aktar minn ġimgħa w jrid ikun hemm raġuni valida.

Il-Kunsill qabel li jitwahhal il-*punch clock* għal ħaddiema tal-Kunsill u dawk assenjati mall-Kunsill.

15. Dwar l-Applikazzjoni għal bozza ġdida fi Sqaq San Mikiel, l-Enemalta nfrumaw li approva t-talba tagħna pero' trid isir trinka ħalli jingħada d-dawl sabiex din isir. Il-Kunsill qabel li jinġiebu tlett kwotazzjonijiet biex din it-trinka issir.

16. Mill-Uffiċċju tal-Kumissarju tat-Tfal dwar kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal u Żgħażagħ li ser isir bejn it-18 u l-20 u bejn is-26 u t-28 ta' Awissu, 2014.

17. Palazzo Castelletti dwar esebizzjoni dwar Palazzo Castelletti, sabiex l-Għaqdiet jżuru dan il-palazz.

18. Mill-*Għaxaq Youth Nursery* irċevejna kwotazzjonijiet għal *Human Table Soccer* mingħand *Raymond Ironmongery*; Ktieb Jum Ħal Għaxaq mingħand *Fivestar Printing* u *Penalty Shootout trophies* mingħand *Horace Enterprises*. Il-Kunsill qabel li ma jistax jagħti donazzjoni lil Ghaxaq F.C.

19. Mingħand RTS dwar kwotazzjoni tas-*cctv system* madwar ir-rahal kif gej:
a. *DVR for wireless system long range (400m) €365*
*b. Camera wireless High Definition €215*
*c. High Gain antenna €120*
*d. 12 channel receiver* €165
Total ta' €865
Il-Kunsill qabel li dawn il-*cameras* isiru.

ĦAL GĦAXAQ

20. Kwotazzjoni mingħand Bonnici Garage għal *fabrication* ta' 3 xatbiet għal *playground* ta' Ġnien il-Kunsill. Il-prezzijiet ta' dawn ser ikunu € 186; € 228 u € 220. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

21. Fil-gazzetta l-Mument tal-Ġimgħa, 25 ta' April, 2014, ġie ppublikat avviz *'Siesta fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq'*, fejn qed jingħad li l-Kunsill qed ikun magħluq fis-2:00 p.m.

Is-Segretarju qrat il-kontenut ta' ittra li se tibgħat bħala tweġiba lill-Editur tal-Mument. (annessa)

22. Mingħand l-Onor. Robert Cutajar irċevejna nformazzjoni li ser issir konferenza *Tim Sport PN* nhar is-Sibt 7 ta' Gunju, 2014, fil-kumpless sportiv tal-Kottonera fit-8.30am.

23. Mingħand l-Enemalta fejn it-talba għal bozza fi Triq il-Gudja ma ġietx ġġustifikata.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a. Ittra lir-residenti ta' Qasam Ħal Dmikki dwar il-ġranet u l-ħinjiet tal-ġbir tal-iskart domestiku.

b. Ittra lir-Residenti ta' Triq G. Scicluna, Settembrina, Isparvier u Narċis sabiex ma jarmux ilma barra fit-toroq rispettivi.

ċ. Ittra lir-Residenti ta' Triq J. Gravina sabiex ma jsirx rimi ta' skart domestiku bl-addoċċ peress li kien qed ikollna diversi rapporti.

d. Ittra ta' ringrazzjament lil *Zejtun Band Club* għal tislief ta' marċi marbuta mal-attivitajiet tal-Karnival.

d. Intbghatet l-applikazzjoni tal-A+ Accessibility Award 2014.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul April 2014, li kienu jammontaw għal €115.44. Is-

Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€115.44 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Viċi Sindku is-Sur Vassallo.

ĦAL GĦAXAQ

*b.* ***Skeda ta' Ħlas April 2014***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2014 u li jammontaw għal €19,408.88.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Toroq

Dwar it-toroq intqal biex is-Segretarju tagħmel kuntatt ma' *Transport Malta* għal ħlasijiet li l-Kunsill irid jirċievi ta' toroq li saru.

Is-Sindku qal li kien kellem lis-Sur Julian Borg dwar dawn it-toroq.

Il-Viċi Sindku qal li bil-fondi tal-UIF għandom isiru l-bankini fi Triq Santa Marija u wara jsir it-Triq bit-tarmak.

Is-Sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur Bonnici Bros. biex ikellmu dwar it-toroq li għad irid isiru.

Dwar il-flus li għandu jiġbor il-Kunsill issemmiet is-somma tal-fuq minn €60,000. Dawn il-flus għandhom jingħataw mil-*paying agency* parti mis-somma tal-proġett ta' Ġnien il-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill talab lis-Segretarju biex tagħmel kuntatt mas-Sur Carmel Farrugia biex tara għaliex dawn għadhom ma ġewx rifonduti lill-Kunsill.

## 6. Awdituri

Is-Segretarju qalet li xtaqet tinforma lill-membri tal-Kunsill li qiegħed isir l-awditjar fil-Kunsill minn impjegati ta' *Grant Thornton*. Dan l-Awditjar għandhu jdum madwar tlett ijiem.

**7. Jum Ħal Għaxaq**

Il-Kunsilliera kkumentaw li t-tqassim tal-inviti għar-riċeviment u attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq sar tard.

Is-Segretarju qalet li dan sar minħabba li l-lista tal-koppji li għalqu l-25 sena miżżewġin waslet tard. Il-lista fiha infisha ġiet irranġata tard.

Il-Kunsill qabel li l-inviti sena oħra jsiru fuq karta aħjar mhux bħal ta' din is-sena.

ĦAL GĦAXAQ

Ħaġa pożittiva kienet skond is-Sinjura Schembri hi li l-esibizzjoni tal-*crafts* kienet tajba ħafna u kien hemm konkorrenza kbira. Il-kompetizzjoni tar-ritratti marret tajjeb ukoll.

Kif kien qed jingħad dan kollu, sar punt dwar il-kiri tas-swali tal-Kappillan għal diversi attivitajiet u korsijiet, u sar qbil li jingħataw €250 kull sitt xhur lill-Kappillan għal l-użu ta' dawn is-swali.

**8. Amministrazzjoni ta' siti**

Is-Sindku qal li kellu xi laqgħat dwar is-siti li ġejjin biex il-Kunsill jieħu l-amministrazjoni tagħhom.

a. Dik il-biċċa art zgħira mal-ġenb ta' Ġnien il-Kunsill;

b. Biċċa art li hemm vojta fi Triq il-Qattus;

c. Fuq Santu Rokku;

d. Żona tal-Andar;

e. Ground il-kbir tal-futbol;

f. Fetħa Bir id-Deheb (fejn kien hemm BOV).

**9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Il-Kunsillier Schembri qalet li xtaqet tirringrazzja lis-Sinjura Rose Vella għax tat kontribuzzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Kunsillier Schembri qalet li tixtieq li l-Kunsill jixtri xi kotba biex jingħataw bħala premjijiet lit-tfal li pparteċipaw fl-esibizzjoni ta' Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel.

3. Il-Viċi Sindku Vassallo qal li Triq l-1 ta' Jannar 1626, hemm ħafna ħmieġ li hemm il-ħtieġa li jitnaddaf. Il-Kunsill qabel.

Qal ukoll li ħdejn il-Kappella ta' Santu Kristu hemm *seats* tal-karozzi biex dawn jinġabru. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

5. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li titwaħħal *sleeping police* fi Triq il-Fidloqqom għax is-sewwieqa qed isuqu l-karozzi bl-addoċċ. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm skema V18 fejn hemm fondi biex jitqassmu lill-Kunsilli kollha. Hu xtaq li ssir x'attivita' kulturali f'Ħal Għaxaq u talab lill-Kunsill jaħseb x'attivita' tista' ssir.

7. Il-Kunsillier Schembri qalet li tixtieq li l-Kunsill jgħin l-iskola tal-lokal biex jitrranġa l-ġibjun ta' l-iskola. Staqsiet lis-Sindku x'ġara dwar iż-żjara li hu kien għamel l-iskola ma' persuna mill-WSC.

Is-Sindku qal li persuna mill-WSC marret l-iskola u hu ma ġiex infurmat, li jaf biss hu li din il-persuna se tittestja l-ilma u issa qed nistennew ir-riżultat.

8. Is-Sindku għamel proposta biex forsi gabbani ma jitħallewx jintramaw fil-madwar tal-kazini fil-festi tar-Raħal.

Kemm il-Viċi Sindku Vassallo kemm is-Segretarju qalu li dan ma jistgħax isir għax dawn tal-gabbani jħallsu l-permessi biex jarmaw.

**3.** Is-Sindku semma t-tappieri tal-arbli tal-festa u qal li dawn jeħtieġ isiru biex ikunu magħluqa t-toqob u ma jitħallhiex ħmieġ meta jarmaw tal-każini. Il-Kunsill qabel li dawn isiru ftit ftit.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Mejju, 2014, fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn, 19 ta' Mejju 2014, fis-6.30pm</u>**